3. Ir-rimunerazzjoni ta' din il-pożizzjoni hija marbuta mal-paga minima tal-Iskala tas-Salarju 8 (€16,919 kull sena fil-2009) fis-Servizz Pubbliku fuq bażi pro-rata. Il-*part-time Projects Administrator* jitħallas bir-rata ta' €8.13 (gross fil-2009) għal kull siegħa ta' xoghol. Għall-fini tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93) (fejn applikabbli) id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tal-persuna u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*, f'każ li l-persuna tkun Uffiċjal Pubbliku bi grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Id-dmirijiet ta' *part-time Project Administrator (CGCB)* huma:

General Project Management

Iżżomm kuntatt mal-*Project Leader* fuq is-suġġetti kollha li għandhom x'jaqsmu max-xiri u nfiq fejn jidħlu servizzi li jsiru fil-proġett;

tagħmel ix-xogħol amministrattiv neċessarju li għandu x'jaqsam mal-proġett imsemmi;

constitutes an objective reason in terms of Regulation 7(4) of Legal Notice 51/2007 as substituted by Regulation 3(b)(4) of Legal Notice 239/2008. Unsatisfactory performance as part-time Projects Administrator (CGCB) during the assignment period will lead to termination of the assignment.

1.3 The selected candidate will be expected to work for approximately fourteen (14) hours per week on a flexible time-table according to the exigencies of the Project, at such work places and during such hours as may be determined by the Director General for the Directorate for Educational Services (DES).

2.4 If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the assignment period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the assignment. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service, his/her employment with the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of assignment.

2. If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, and during the assignment period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 8, he/she will be required to relinquish the duties of Part-Time Project Administrator and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of a selected officer becomes higher than Scale 8 through progression, he/she will be allowed to complete his/her stipulated term of assignment.

3. The remuneration attached to this position is pegged to the minimum of Salary Scale 8 (€16,919 per annum in 2009) in the Public Service on a pro-rata basis. The part-time Project Administrator will be paid at the rate of €8.13 (gross in 2009) for every hour worked. For the purpose of the Pensions Ordinance (Cap. 93) (where applicable), the difference between the salary to which the selected candidate is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance, in case he/she is a public officer holding a substantive grade in the Malta Public Service.

4. The duties of Projects Administrator (CGCB) part-time are as follows:

General Project Administration

to liaise with the Project Leader on all matters relating to the purchases and expenditures and procurement of services made under the project;

to carry out the necessary administrative work in relation to the said project;

iżżomm dokumentazzjoni neċessarja li tinkludi dokumenti ta' xiri, kontijiet u ddaħħal dawn id-dokumenti fid-*Database* tal-Fondi Soċjali (DFS 07);

tipprepara d-dokumenti relevanti taħt l-ESF biex tagħmel sejħa għal offerti u kompilazzjoni tal-kuntratti skont ir-Regolamenti Publiċi tal-Kuntratti u jirrevedi u jaġġorna l-ispeċifikazzjonijiet marbuta mal-offerta;

timplimenta l-pubbliċità skont il-bżonnijiet obbligatorji pubbliċitarji;

tieħu nota tal-progress u tieħu ħsieb id-*disbursement schedule break down* u tikkordina l-iskeda tal-implimentazzjoni;

tipproċessa l-kontijiet u tipprepara ċ-ċertifikati tal-kontijiet u l-irċevuti skont il-Manwal tal-Proċeduri 07-13;

tikkoordina l-kuntratti neċessarji;

tieħu nota tal-progress li jsir f'kull attività pprogrammata;

timplimenta l-istruttura ta' *filing* skont il-Manwal tal-Proċeduri 07-13;

torganizza laqgħat skont il-bżonn fuq il-progress tal-proġett;

iżżomm informazzjoni u sottomissjonijiet sew li jinkludu l-kumpilazzjoni tat-talbiet lill-awtoritajiet kompetenti;

tkun disponnibbli għall-laqgħat, għall-awditjar tal-proġett tal-ESF u ċċekkjar fuq il-post waqt il-perjodu tal-kuntratt imsemmi

taħdem id f'id mal-Ministeru kkonċernat;

tagħmel xogħol ieħor li tista' tiġi mqabbad mill-*Project Leader* biex il-proġett jipprogressa u jingħalaq;

Ipprogrammar

tagħti pariri lill-*Project Leader* dwar bidliet, rakkomandazzjonijiet li għandhom isiru u azzjoni li għandha tittieħed u li ġġib il-permessi meħtieġa sabiex dawn il-bidliet ikunu jistgħu jitwettqu;

Aspetti Finanzjarji tal-Proġett

tirrapporta lill *Project Leader* regolarment u tagħti rendikont *f'kaz* ta' previst ta' infiq finali, inkluż il-varjazzjoni fuq l-infiq u l-implikazzjonijiet ta' infiq ta' estensjonijiet ta' ħin u tagħti previsti tad-dati tat-tkomplija

tiċċertifika pagamenti;

iżżomm kuntatt mal-Ministeri kkonċernati u entitajiet oħra li jkunu interessati fil-proġett jew ikollhom x'jaqsmu miegħu, it-Teżor, u d-Dipartiment tal-Kuntratti u entitajiet oħra rilevanti u *Partners* interessati fil-proġett u dan sabiex tiġi stabbilita fehma sħiħa dwar proċeduri u kontrolli relatati mat-tħaddim ta' fondi tal-Unjoni Ewropea f'Malta;

5. Sal-ħin u d-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:-

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

to maintain all the necessary documentation, including purchase documents and invoices, and the inputting of these documents in the Structural Funds Database (SFD 07), and the upkeep of the Project files;

to draft the relevant ESF tenders and contracts as per Public Contracts Regulations and reviewing and updating of specifications related to the tender;

to implement publicity as per the obligatory publicity requirements;

to monitor and manage the disbursement schedule break down and coordinate the implementation schedule;

to process invoices and prepare invoices status certificates and receipts as per Manual of Procedures 07-13;

to coordinate the necessary contracts;

to prepare progress and any other project related reports as per regulations;

to implement the filing structures as per Manual of Procedures 07-13;

to set up and organise the necessary project progress meetings;

to keep proper records including the compilation and submission of claims to the competent authorities;

to be available for meetings, ESF audits and on-the-spot checks during the specified contract period;

to work in liaison with the Line Ministry;

to undertake any other tasks which the project leader may delegate to him as may be required for the project to progress to completion;

Programming

advise the project leader of changes, recommend appropriate action and obtain authorisation in each instance where the need for such changes arises;

Financial Aspects of the Project

report to the Project Leader at regular intervals giving forecast of final costs. including costs of variations and the cost implications of extensions of time and forecast completion dates;

certify payments;

liaise with Line Ministries and horizontal stakeholders, the Treasury and the Department of Contracts and other relevant horizontal stakeholders including partners with a view to developing a clear understanding of procedures and control relating to the management of EU Funds in Malta;

5.By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:-

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea ; jew

(ċ) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE għandu jiġi kkonsultat il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin); jew

(d) l-konjuġi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(a), (b) u (ċ) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skont leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ) u (d) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(iii) fil-pussess jew għandhom l-approvazzjoni għall-għoti ta' *first degree* rikonoxxuta jew kwalifika xierqa, komparabbli preferibbilment fil-qasam relatat ma' *Project Management* u, sentejn(2) esperjenza ta' xogħol rilevanti; jew

fil-pussess jew għandhom l-approvazzjoni għall-għoti ta' *post-graduate degree (Masters)* rikonoxxuta jew kwalifika xierqa komparabbli preferibbilment fil-qasam relatat ma' *Project Management;*

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw il-formola *Service and Leave Record (GP 47)*; filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ, mill-Pulizija jew minn awtorità kompetenti oħra, mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa ta' din l-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji).

6. Kunsiderazzjoni xierqa tingħata lil dawk l-applikanti li għandhom esperjenza ta' *project management* iffinanzjat mill-UE u/jew għandhom għarfien ta' kif tħaddem *standard project management software*.

7.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet

(b) citizens of another European Union Member State; or

(c) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(d) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (a), (b) and (c) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (b), (c) and (d) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(ii) have the ability to communicate in the Maltese and English languages.

(iii) in possession or have been approved for the award of a recognised first degree or comparable qualification preferably in an area related to project management with at least one (2) years relevant work experience; or

in possession or have been approved for the award of a recognised post-graduate degree (Masters) or a comparable qualification preferably in an area related to project management;

(iv) of good moral character; (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

6. Due consideration will be given to applicants with previous experience in EU funded project management and/or who have a working knowledge of a standard project management software.

7.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the

relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2 Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

8.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervistà.

8.3 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin (esklużi kwalifiki mogħtija mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Istitut għall-Istudji Turistiċi u l-*Insitute for Conservation and Management of Cultural Heritage*), li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tinhemeż mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

9.1 L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal *interview* minn Bord tal-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Customer Care Section, Human Resources Development Department of the Directorate for Educational Services and copied to the NCPD.

8.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3 It is the responsibility of the applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/ tertiary education or other institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta College of Arts, Science and Technology, Institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage) to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

9.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

9.2 Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport.

9.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport.

9.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jista' jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt.

9.3 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt.

9.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, iI-Palazz, Valletta, u kkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Secretary, Public Service Commission, The Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within 10 working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi assigurat li hija adatta għal din il-pożizzjoni.

10. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

11. Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa li tivvjaġġa barra minn Malta (għal taħriġ kif ukoll fuq xogħol) skont kif meħtieġ mis-Segretarju Permanenti, (Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport).

11. The selected applicant may be required to travel abroad (for training and also for work) as determined by the Permanent Secretary, (Ministry of Education, Culture, Youth and Sport).

12. Il-persuna magħżula li ssiefer biex tagħmel il-korsijiet, tintrabat bil-kundizzjonijiet relevanti skont l-*Malta Public Service Management Code*.

12. The selected applicant proceeding abroad to follow courses will be bound by the relevant conditions laid down in the Public Service Management Code.

13. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

13. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

jew jinkisbu mit-Taqsima tal-*Customer Care*, Dipartiment għall-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Furjana jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex.

or obtained from the Customer Care Section, Human Resources Development Department, Directorate for Educational Services, Floriana, VLT 2000, or the Education Office, Victoria, Gozo .

14. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* fil-*European Curriculum Vitae Format* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mis-sezzjoni tal-*Customer Care*, Dipartiment għall-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex, sa mhux aktar tard min-nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Mejju 2009.

14. Applications together with curriculum vitæ in the European Curriculum Vitæ Format indicating qualifications and experience will be received in the first instance by the Customer Care Section, Human Resources Development Department, Directorate for Educational Services, Floriana, VLT 2000, or the Education Office, Victoria, Gozo by not later than noon (Central European Time) of Friday, 22nd May 2009.

15. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta

15. Applications received from abroad through fax or

permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Mejju 2009, jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand it-Taqsima tal-*Customer Care*, Dipartiment għall-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Furjana VLT 2000 jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex, mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tat-Taqsima tal-*Customer Care*, Dipartiment għall-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi Edukattivi huwa +356 2122 5630.

16. a) Tingħata rċevuta minnufih mit-Taqsima tal-*Customer Care*, Dipartiment għall-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi Edukattivi jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex, għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn.

b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Tintbagħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mit-Taqsima tal-*Customer Care*, Dipartiment għall-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi Edukattivi jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex.

It-30 ta' April, 2009

other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 22nd May 2009, may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Customer Care Section, Human Resources Development Department, Directorate for Educational Services, Floriana, VLT 2000, or the Education Office, Victoria, Gozo by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the Customer Care Section, Human Resources Development Department, Directorate for Educational Services, is +356 2122 5630.

16. a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Customer Care Section, Human Resources Development Department, Directorate for Educational Services, Floriana, or the Education Office, Victoria, Gozo and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Customer Care Section, Human Resources Development Department, Directorate for Educational Services, Floriana, or the Education Office, Victoria, Gozo within seven (7) days.

30th April, 2009

UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post Temporanju *Full-Time* ta' *Resident Academic* fl-Għarbi fid-Dipartiment tal-Għarbi u l-Istudju tal-Lvant Qarib fil-Fakultà tal-Arti

Jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-post temporanju *full-time* ta' *Resident Academic* fl-Għarbi fid-Dipartiment tal-Għarbi u l-Istudju tal-Lvant Qarib fl-Università ta' Malta. Dan l-appuntament huwa għal perjodu għal erba' snin. Il-maħtur huwa mistenni li jibda jgħallem mill-1 ta' Settembru 2009.

Il-maħtur ikun mistenni li jipparteċipa fit-tagħlim, riċerka, amministrazzjoni u attivitajiet oħra fl-Għarbi fid-Dipartiment tal-Għarbi u l-Istudju tal-Lvant Qarib, u kif ikun meħtieġ mill-Università.

L-applikanti jrid ikollhom grad f'livell *postgraduate* fl-Għarbi minn Università ta' fama rikonoxxuta. Il-magħżul irid jgħallem l-Għarbi bħala lingwa barranija, u jkun mistenni li jikkonċentra fit-tagħlim tal-Għarbi Modern *Standard*, barra li jagħti xi lezzjonijiet fuq suġġetti magħżula tal-Għarbi u l-Kultura Islamika.

Ir-*Resident Academic Stream* hija magħmula minn erba' gradi, li huma l-Professur, Professur Assoċjat, Lettur Anzjan u l-Lettur. Il-grad tal-Lettur jew ogħla tingħata lil dawk il-

UNIVERSITY OF MALTA

Temporary Resident Academic Full-Time Post in Arabic at the Department of Arabic and Near Eastern Studies at the Faculty of Arts

Applications are invited for a full-time Resident Academic post in Arabic at the Department of Arabic and Near Studies at the Faculty of Arts of the University of Malta. This post is for a period of four years. The appointee will be expected to take up duties in 1st September 2009.

The appointee will be required to contribute to the teaching, research and other activities in Arabic at the Department of Arabic and Near Eastern Studies and as may be required by the University of Malta.

Candidates must be in possession of a post-graduate degree/s in Arabic from a reputable University. The successful candidate should be able to teach Arabic as a foreign language, and will be expected to concentrate on the teaching of Modern Standard Arabic, besides delivering some lectures on select topics of Arabic and Islamic Culture.

The Resident Academic Stream is composed of four grades, being Professor, Associate Professor, Senior Lecturer and Lecturer. Entry into the grade of Lecturer or above

persuni li għandhom il-Ph.D. jew riċerka ekwivalenti bbażata fuq id-dottorat bi gwidi stretti stabbiliti mill-Università.

Is-salarji għal 2009 marbuta ma' dawn il-gradi fir-*Resident Academic Stream* huma kif ġej:

Professur	€33,505 b'*allowances* ta' €9,093 *Academic Work Resources* ta' €3,727
Professur Assoċjat	€30,640 b'*allowances* ta' €7,482 *Academic Work Resources* ta' €3,727
Lettur Anzjan	€27,769 b'*allowances* ta' €6,009 *Academic Work Resources* ta' €3,261
Lettur	€22,582 b'żidiet fis-sena ta' €641 sa €24,505 u *allowance* ta' €5,191 *Academic Work Resources* ta' €3,261

L-Università tista' timpjega wkoll kandidati li jippromettu li għandhom il-*Masters* bħala Assistenti Letturi, imma li jkunu lesti li jikkommettu ruħhom li jġibu il-kwalifikazzjoni meħtieġa biex jidħlu fir-*Resident Academic Stream*.

Assistent Lettur bil-*Masters*	€21,088 b'żidiet fis-sena ta' €596 sa €22,876 u b'*allowance* ta' €3,215 *Academic Work Resources* ta' €3,261

Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra tal-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae*, kopja waħda taċ-ċertifikati u tliet ismijiet u indirizzi ta' *referees* lid-

Direttur għat-Tmexxija u l-Iżvilupp
tar-Riżorsi Umani
Kamru 214, Uffiċċji Amministrattivi
Università ta' Malta
Msida, MSD 2080

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 15 ta' Mejju 2009.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 214, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website*: http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies.

It-30 ta' April 2009

shall only be open to persons in possession of a Ph.D. or an equivalent research based doctorate within strict guidelines established by the University.

The annual salary for 2009 attached to the respective grades in the Resident Academic Stream is as follows:

Professor	€33,505 plus Allowances of €9,093 Academic Work Resources of €3,727
Associate Professor	€30,640 plus allowances of €7,482 Academic Work Resources of €3,727
Senior Lecturer	€27,769 plus an allowance of €6,009 Academic Work Resources of €3,261
Lecturer	€22,582 with an annual increment of €641 to €24,505 and an allowance of €5,191 Academic Work Resources of €3,261

The University may also appoint promising candidates in possession of a Masters as Assistant Lecturers, provided that they are committed to obtain the necessary qualification to enter the Resident Academic Stream.

Assistant Lecturer with Masters	€21,088 with an annual increment of €596 to €22,876 and an allowance of €3,215 Academic Work Resources of €3,261

Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates and the names and addresses of three referees to:

Director for Human Resources
Management and Development
Room 214, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 2080

Applications should be received by noon of Friday, 15th May 2009.

Late applications will not be considered.

Further information may be obtained from the Office for Human Resources Management and Development, Administration Building, Room 214, or from the website:
http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies.

30th April 2009

UNIVERSITÀ TA' MALTA

***Resident Academic Post* (TR4) fid-Dritt Kostituzzjonali, Dritt Amministrattiv u fil-Liġi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-Dipartiment tad-Dritt Pubbliku, Fakultà tal-Liġi**

Jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-post ta' *Resident Academic (TR4)* fid-Dritt Kostituzzjonali, Dritt Amministrattiv u fil-Liġi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-Dipartiment tad-Dritt Pubbliku fil-Fakultà tal-Liġi tal-Università ta' Malta. Dan l-appuntament huwa fuq bażi indefinit, suġġett għall-prova ta' sena, sal-età statutorja tal-irtirar.

Il-maħtur ikun mistenni li jiddedika erba' sessjonijiet fil-ġimgħa għat-tagħlim, riċerka, amministrazzjoni u attivitajiet oħra fid-Dipartiment tad-Dritt Pubbliku fil-Fakultà tal-Liġi, u kif ikun meħtieġ mill-Università.

Il-kandidati jrid ikollhom Dottorat fil-Liġi (LL.D) f'livell *post-graduate* kif ukoll mill-anqas ħames snin ta' prattika professjonali legali. Tingħata preferenza lil dawk il-kandidati li jkollhom esperjenza fit-tagħlim tal-liġi f'livell ta' gradwat u/jew *post-graduate*.

Ir-*Resident Academic Stream* huwa kompost minn erba' skali, li huma Professur, Professur Assoċjat, Lettur Anzjan u Lettur. Jidħlu fil grad ta' Lettur jew ogħla dawk il-persuni biss li jkollhom Ph.D. jew dottorat ekwivalenti bbażat fuq ir-riċerka strettament skont il-linji gwida stabbiliti mill-Università

Is-salarju fis-sena għall-2009 għall-gradi rispettivi fir-*Resident Academic Stream* f' TR4 huwa kif ġej:

Professur	€14,742 b' *allowances* ta' €4,001 *Academic Work Resources* ta' €1,653.86
Professur Assoċjat	€13,482 flimkien ma' *allowances* ta' €3,292 *Academic Work Resources* ta' €1,653.86
Lettur Anzjan	€12,218 flimkien ma' *allowance* ta' €2,644 *Academic Work Resources* ta' €1,444.21
Lettur	€9,936 b'żidiet fis-sena ta' €282 sa €10,782 u *allowance* ta' €2,284 *Academic Work Resources* ta' €1,444.21

UNIVERSITY OF MALTA

Resident Academic Post (TR4) in Constitutional, Administrative and Human Rights Law at the Department of Public Law, Faculty of Laws

Applications are invited for a part-time (TR4) Resident Academic post in Constitutional, Administrative and Human Rights Law in the Department of Public Law in the Faculty of Laws of the University of Malta. The appointment will be on an indefinite basis, subject to a one-year probationary period, up to statutory retirement age.

The appointee will be required to devote four sessions per week to the teaching, research and other activities of the Department of Public Law within the Faculty of Laws, and as may be required by the University.

Candidates must be in possession of a Doctorate in law (LL.D.), a post-graduate degree/s in law and at least five years professional practice as an advocate. Due preference will be given to those candidates who have experience in teaching law at under-graduate and/or graduate level.

The Resident Academic Stream is composed of four grades, being Professor, Associate Professor, Senior Lecturer and Lecturer. Entry into the grade of Lecturer or above shall only be open to persons in possession of a Ph.D. or an equivalent research based doctorate within strict guidelines established by the University.

The annual salary for 2009 attached to the respective grades in the Resident Academic Stream at TR4 is as follows:

Professor	€14,742 plus allowances of €4,001 Academic Work Resources of €1,653.86
Associate Professor	€13,482 plus allowances of €3,292 Academic Work Resources of €1,653.86
Senior Lecturer	€12,218 plus an Allowance of €2,644 Academic Work Resources of €1,444.21
Lecturer	€9,936 with an annual increment of €282 to €10,782 and an allowance of€2,284 Academic Work Resources of €1,444.21

L-Università tista' timpjega wkoll kandidati li jippromettu li għandhom il-*Masters* bħala Assistenti Letturi, imma li jkunu lesti li jikkommettu ruħhom li jġibu l-kwalifika meħtieġa biex jidħlu fir-*Resident Academic Stream*. Assistenti Letturi jkunu ingaġġati għal perjodu definit mhux iżjed minn tmien (8) snin, u tul dan il-perjodu ta' taħriġ iridu jġibu l-Ph.D fil-qasam li jkollu x'jaqsam dirett mad-Dipartiment

Assistant Lecturer bil-*Masters*	€9,279 b'żidiet fis-sena ta' €262 sa €10,065 u *allowance* ta' €1,415 *Academic Work Resources* ta' €1,444.21

Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra tal-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae*, kopja waħda taċ-ċertifikati u tliet ismijiet u indirizzi ta' *referees* lid-

Direttur għat-Tmexxija u l-Iżvilupp
tar-Riżorsi Umani
Kamru 214, Uffiċċji Amministrattivi
Università ta' Malta
Msida, MSD 2080

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 15 ta' Mejju 2009.

Applikazzjonijiet li jaslutard ma jigux ikkunsidrati.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 214, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website*:
http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies.

It-30 ta' April 2009

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI
U AFFARIJIET RURALI

Riżultat ta' Intervisti għall-Postijiet ta'
Senior Technical Officer (Valley Management Unit)
fit-Taqsima tas-Servizzi,
Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, jgħarraf illi r-riżultat tal-intervisti għall-postijiet imsemmija hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-board* prinċipali fid-Direttorat tal-*People Management and Support Services,* Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, Blokk 'A', il-Furjana u fuq in-*notice-board* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

It-30 ta' April, 2009

The University may also appoint promising candidates in possession of a Masters as Assistant Lecturers, provided that they are committed to obtain the necessary qualification to enter the Resident Academic Stream. Assistant Lecturers will be engaged for a definite period not exceeding eight (8) years, during which period of training they will be required to pursue and obtain a Ph.D. in a field of direct interest to the Department.

Assistant Lecturer with Masters	€9,279 with an annual increment of €262 to €10,065 and an allowance of €1,415 Academic Work Resources of €1,444.21

Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates and the names and addresses of three referees to:

Director for Human Resources
Management and Development
Room 217, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 2080

Applications should be received by not later than noon of Friday, 15th May 2009.

Late applications will not be considered.

Further information may be obtained from the Office for Human Resources Management and Development, Administration Building, Room 214, or from the website:
http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies.

30th April 2009

MINISTRY FOR RESOURCES
AND RURAL AFFAIRS

Result of Interviews for the Posts of
Senior Technical Officer (Valley Management Unit)
in the Services Division within the
Ministry for Resources and Rural Affairs

The Permanent Secretary, Ministry for Resources and Rural Affairs, notifies that the result of the interviews for the above-mentioned posts has been published and can be seen on the main notice-board at the People Management and Support Services Directorate, Ministry for Resources and Rural Affairs, Block 'A', Floriana and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

30th April, 2009

ATT TAL-2003 DWAR ELEZZJONIJIET GĦALL-PARLAMENT EWROPEW

Avviż

Skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) tal-artikolu 21 tal-Att tal-2003 dwar l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, u skont l-artikolu 46 (1) (i) tal-Att tal-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, il-Kummissjoni Elettorali tgħarraf illi hija m'għandhiex ritratt tal-persuni li isimhom jidher hawn taħt. Għalkemm isimhom huwa nkluż fir-Reġistru Elettorali għall-Parlament Ewropew pubblikat f'April, 2009, ma jkunx jista' jinħarġilhom Dokument għall-Votazzjoni.

Il-Kummissjoni Elettorali tistieden dawn il-persuni biex jiġu l-Uffiċċju Elettorali ħalli jitteħdilhom ritratt.

EUROPEAN PARLIAMENT ELECTIONS ACT, 2003

Notice

In accordance with the provisions of sub-section (1) of section 21 of the European Parliament Elections Act, 2003, and in terms of section 46 (1) (i) of the General Elections Act, 1991, the Electoral Commission notifies that it is not in possession of a photograph for the persons whose names are listed hereunder. Although their names are included in the European Parliament Electoral Register published in April, 2009, it would not be possible to issue a Voting Document to these persons.

The Electoral Commission invites these persons to call at the Electoral Office in order to have their photograph taken.

Zammit Anthony – 242851M – 58, Triq l-Isptar, Valletta
Pace Theresa k/a Marthese – 793057M – 23, Fl 6, Trejqet il-Fosos, Floriana
Cassar Lawrence – 2006853P – 175, Triq il-Vittorja, Ħamrun
Paiber Cesar Oscar – 355401L – 102, Triq San Vincenz, Ħamrun
Portelli Vincent – 811444M – 147, Triq Matty Grima, Bormla
Collinson Antonia – 641045M – 4, Triq San Lawrenz, Żabbar
Espirito Santo Barbosa Pedro Nuno – 51073A – 47, Ix-Xatt, Kalkara
Zammit Saviour – 283553M – 41, Triq il-Knisja, Xgħajra
Bovenzi Rita – 511155M – 18, Triq Santa Katerina, Gudja
Farrugia Tony – 355505L – 31, Triq Balbi, Marsa
Bellizzi Olivia Bianca – 316105L – 121, Triq il-Kbira, Żurrieq
Has Pauline – 802644M – 4, Eaton, Fl 2, Triq Ferris, Rabat (Malta)
Schembri Anne – 2011508P – 2, Triq San Pawl, Sqaq Nru. 2, Rabat (Malta)
Vella Haber Carmel k/a Charles – 648144M – 47, Gemini Crt, Fl 1, Triq l-Istazzjon, Birkirkara
Vella Haber Mary – 263849M – 47, Gemini Crt, Fl 1, Triq l-Istazzjon, Birkirkara
Mc Culloch Antonia – 220759M – Villa Kentia, Triq il-Ħemel, Swieqi
Tabone Carmelo – 495932M – Pinto Bldgs, Fl 16, Triq San Albert, Gżira
Tabone Giuseppina – 726839M – Pinto Bldgs, Fl 16, Triq San Albert, Gżira
Camilleri Christian Lyes – 167006L – 23, Trejqet Sant'Injazju, Sliema
Zammit Raphael – 301444M – 17, Triq Britannja, Mosta
Dingli Raphael – 53956M – The Tower, Il-Wardija, Limiti ta', San Pawl il-Baħar
Cremona James – 388558M – Sueliz, Fl 4, Tal-Fjuri, Limiti ta', San Pawl il-Baħar
Attard Geoffrey Ryan Christopher Corey – 441501L – 7, Fl 3, Triq Salvatore Borg, San Pawl il-Baħar

E. R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

It-30 ta' April, 2009

E. R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

30th April, 2009

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 17 (1) (i) tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Kummissjoni Elettorali tgħarraf illi hija m'għandhiex ritratt tal-persuni li isimhom jidher hawn taħt. Għalkemm isimhom huwa nkluż fir-Reġistru Elettorali għall-Kunsilli Lokali pubblikat f'April, 2009, ma jkunx jista' jinħarġilhom Dokument għall-Votazzjoni.

Il-Kummissjoni Elettorali tistieden dawn il-persuni biex jiġu l-Uffiċċju Elettorali ħalli jitteħdilhom ritratt.

Kovachev Boiko – 19422A – Rosie, Triq Clarence, Pietà
Portelli Vincent – 811444M – 147, Triq Matty Grima, Bormla
Rabia Nalda – 18969A – 80, Triq Matty Grima, Bormla
Collinson Antonia – 641045M – 4, Triq San Lawrenz, Żabbar
Gwynfryn-Evans Stephen Anthony – 17680A – 23, The Red House, Triq Santu Rokku, Kalkara
Espirito Santo Barbosa Pedro Nuno – 51073A – 47, Ix-Xatt, Kalkara
Zammit Saviour – 283553M – 41, Triq il-Knisja, Xghajra
Davies Graham Roy – 17545A – St Catherine Blk A, Fl 1, Triq il-Munxar, Marsaskala
Bovenzi Rita – 511155M – 18, Triq Santa Katerina, Gudja
Has Pauline – 802644M – 4, Eaton, Fl 2, Triq Ferris, Rabat (Malta)
Schembri Anne – 2011508P – 2, Triq San Pawl, Sqaq Nru. 2, Rabat (Malta)
Vella Haber Carmel k/a Charles – 648144M – 47, Gemini Crt, Fl 1, Triq l-Istazzjon, Birkirkara
Vella Haber Mary – 263849M – 47, Gemini Crt, Fl 1, Triq l- Istazzjon, Birkirkara
Berndobler Melanie Christiane – 18291A – 14, Mon Cheri, Vjal it- Trasfigurazzjoni, Lija
Pla Perolla Patricia Francoise Marie – 25336A – 7, The Mews Villa, 1, Triq Ant. Schembri, Kappara, San Ġwann
Camilleri Christian Lyes – 167006L – 23, Trejqet Sant'Injazju, Sliema
Stephens Philip Charles – 20903A – 49, Fl 11, Penthouse, Ix-Xatt ta' Qui-Si-Sana, Sliema
Borg Rose – 23655M – 17, Triq San Piju V, Sliema
Brunelli Francesco – 17828A – 206, Fl 7, Triq it-Torri, Sliema
Voynova Sergeeva Tsvetelina – 18695A – 135, Fl 1, Triq it-Torri, Sliema
Debono Astrid – 136742M – Tamarisk, Triq Beresford, Sliema
Tagini Roberto – 23746A – Hotel Ta' Ċenċ, Triq Ta' Ċenċ, Sannat

E. R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

It-30 ta' April, 2009

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

In accordance with the provisions of regulation 17 (1) (i) of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, the Electoral Commission notifies that it is not in possession of a photograph for the persons whose names are listed hereunder. Although their names are included in the Local Councils' Electoral Register published in April, 2009, it would not be possible to issue a Voting Document to these persons.

The Electoral Commission invites these persons to call at the Electoral Office in order to have their photograph taken.

E. R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

30th April, 2009

MINISTERU TAL-FINANZI, L-EKONOMIJA U INVESTIMENT

Skont l-A.L. Nru. 1 tal-2006 kif emendat bl-A.L. Nru. 104 tal-2008 qiegħed jiġi approvat il-ftuħ ta' stabbilimenti kummerċjali nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Mejju 2009 mill-4.00 a.m. sas-7.00 p.m. Dawk l-istabbilimenti kummerċjali li skont A.L. 1 tal-2006 diġà għandhom il-permess biex jiftħu fil-Btajjel Pubbliċi f'perjodu ta' ħin itwal minn dak indikat hawn fuq, mhumiex effettwati b'dan l-avviż.

It-30 ta' April, 2009

MINISTRY OF FINANCE, THE ECONOMY AND INVESTMENT

In accordance with L.N. 1 of 2006 as amended by L.N. 104 of 2008 it is hereby approved that commercial establishments may open for business from 4.00 a.m to 7.00 p.m. on Friday 1st May 2009. Those commercial establishments which by virtue of L.N. 1 of 2006 already benefit from longer business hours on Public Holidays remain unaffected by this notice.

30th April, 2009

KUNSILL LOKALI PAOLA

Il-Kunsill Lokali Paola għal darba oħra din is-sena sejjer jorganizza Ġieħ Paola. Għalhekk il-Kunsill qiegħed jitlob l-għaqdiet u n-nies biex jinnominaw persuna li ħadmet fl-għaqda tagħhom u tat servizz kbir lejn il-lokalità ta' Paola.

In-nominazzjonijiet għandhom isiru fuq ittra fejn jingħataw d-dettalji tal-persuna u x-xogħol siewi li wettqet għal lokalità ta' Paola. In-nominazzjonijiet jagħlqu fil-31 ta' Mejju, 2009.

It-30 ta' April, 2009

PAOLA LOCAL COUNCIL

The Paola Local Council notifies that this year it will be organising again Ġieħ Paola. Therefore the Council requests societies and individuals to nominate a person who has been of great service to the locality of Paola.

Nominations are to be written on a letter giving details of the person and the useful service given to the locality of Paola. Nominatees will be received until 31st May, 2009.

30th April, 2009

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-5 ta' Mejju, 2009, għal:

CT 117/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2505/2008. Provvista u stallazzjoni ta' *grid connected photovoltaic system* u sistema ta' dawl b'użu ta' enerġija effiċjenti – Awtorità tad-Djar. Irid jitħallas dritt ta' €25.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

